**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Lulju, 2018

Rikors Nru : 481/17AL

**AB**

***-vs-***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fl-20 ta' Settembru, 2007;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, datat 6 ta' Novembru, 2013, kopja tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala "Dok. A";

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, il-partijiet kienu ftehmu li jirrinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom milli jitolbu l-manteniment minghand xulxin;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom ghal aktar minn erba` snin ma jghixux flimkien u ilhom separati *de facto* minnxuxlin ghal aktar minn erba` snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab, *a tenur* tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. TIPPRONUNZJA l-ħall ta’ żwieġ bejn il-partijiet, liema zwieg gie iccelebrat Malta fl-20 ta’ Settembru, 2007;

2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat in-nota guramentata tal-intimata li permezz taghha tiddikjara li hija taqbel mal-fatti kollha hekk indikati fir-rikors guramentat u ma topponix ghat-talbiet hekk kif maghmula fl-istess, stante li hija wkoll tixtieq lil din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejnha u bejn AB li gie iccelebrat f’Malta fl-20 ta’ Settembru, 2007;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Jannar, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Novembru, 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.